# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 300/97

Nicholas Cachia

vs

Ministru tal-Kostruzzjoni u Xogholijiet Pubblici u Ministru ta' l-Ambjent u b' digriet tat-13 ta' Novembru 1998 it-Tabib Principali tal-Gvern

Illum 14 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz ghal-ahhar t'April 1990 huwa sofra pregudizzju u ngustizzja konsistenti fil-fatt li ngustament ma nghatax il-promozzjoni li kellu d-dritt ghaliha ta' W.T.O.

Illi l-fatti tal-kaz, fis-semplicita taghhom kienu s-segwenti:

Fl-24 ta' Jannar 1990 it-Tabib Principali tal-Gvern tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika bic-Cirkulari 16/90 - DH 2711/89/Part 1 (OPM/E/289/89) nieda talba ghall-mili tal-post ta' Works Technical Officer fit-Taqsima ta' l-Indafa Pubblika, li dak iz-zmien kienet tifforma parti mid-Dipartiment tas-Sahha.

Ir-rikorrent applika u wara l-interview irrizulta li ntghazel Carmelo Borg u r-rikorrent tpogga it-tieni post.

Ir-rizultat ta' din l-interview biex jintela l-post gie ppubblikat ghall-ahhar t'April 1990.

Peress li s-Sur Borg twieled fl-1 ta' Novembru 1928 u ghalhekk kellu jirtira fl-1 ta' Novembru 1989, izda bl-estensjoni ta' sena li tawh, irnexxielu mhux biss japplika izda wkoll jintaghzel qabel ir-rikorrent.

Is-Sur Borg irtira finalment mill-kariga fil-31 ta' Jannar 1991, hmistax il-xahar fuq il-wiehed u sittin sena peress li rega inghata estensjoni ta' tlett xhur ohra wara dik ta' Novembru 1990.

Minhabba li r-rizultat ta' l-Interview kien ghadu validu ghax ma kienetx ghaddiet sena minn meta hareg ir-rizultat sa ma irrizenja s-Sur Borg, ir-rikorrent ikkontenda li kellu jimla l-vakanza hekk mahluqa, haga li ma saritx, ghalkemm hu gibed l-attenzjoni dwar

dan bil-miktub tad-Dipartiment ikkoncernat - kopji mehmuza mmarkati dokumenti A u B bir-rizultat li qatt ma gie appuntat W.T.O. kif hass li kien jimmeritani.

Fil-fatt ma rcevix l-ebda twegiba (acknowledgement) jew xi forma ta' spjegazzjoni.

Ghaldaqstant fil-waqt li ghamel referenza ghall-fuq espost u irriserva dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu ikunu necessarju u opportuni, talab lil dan it-Tribunal jghogbu jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzja u jinghata rimedju billi jigi moghti l-promozzjoni li kellu jinghata b'sehh mis-sena 1990.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentata mir-rikorrent.

**RISPOSTA:**

Ra r-risposta tal-intimati Ministru tal-Kostruzzjoni u Xogholijiet Pubblici u Ministru ta' l-Ambjent u tad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Harsien ta' l-Ambjent li biha eccepew:

Illi l-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni u l-Ministru ta' L-Ambjent m'humiex il-legittimi kontraditturi ghall-ilment li jirrigwarda l-amministrazzjoni ta' kuljum tas-sezzjoni ta' l-Indafa Pubblika li fiz-zmien in kwistjoni kienet tifforma parti mid-Dipartiment ta' l-Ambjent u illi llum hija parti mid-Dipartiment tax-Xogholijiet.

Illi d-Direttur tad-Dipartiment ghall Harsien ta' l-Ambjent jeccepixxi illi n-nuqqas ta' hatra tar-rikorrent ghall-kariga ta' Works Technical Officer bejn l-1 ta' Frar 1991 u 6 ta' Mejju 1991 ma kienitx frott ta' eskluzjoni jew preferenza indebita u m'hijiex ghalhekk klassifikabbli bhala 'ingustizzja' fit-termini tal-ligi.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimati.

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li biha eccepixxa:

Illi l-allegazzjonijiet dedotti fir-rikors huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ikkonferma bil-gurament li bejn l-1987 u l-1990 kien jahdem l-RDC il-Marsa u dak iz-zmien kien id-Department of Health. Fl-24 ta' Jannar ta' l-1990 hargu l-applikazzjonijiet tal-work technical officer [fol 17] skond l-OPM circular numru 8/90

f'data 23 ta' Jannar, 1990. Ir-rikorrent applika. Xehed: "Dan id-dipartiment li qabel kien jaqa' taht id-Department of Health, wara ftit waqa' taht il-Ministru ta' l-Ambjent, x'aktarx minn wara l-1991. Fil-mument m'ghadux taht il-Ministru ta' l-Ambjent izda jaqa' taht il-Ministru tal-Kostruzzjoni u Xogholijiet Pubblici. L-applikazzjoni li harget ghal work technical officer kienet specifikata li kienet ghal post wiehed biss. Gejt informat mill-principal tieghi, is-Sur Tommy Micallef, li jiena gejt it-tieni… L-applikazzjoni kienet miftuha ghal post ta' supervisor il-fuq. Jiena kont charge hand, jigifieri li huwa grad ghola minn supervisor. Min lahaq f'dak il-post kellu l-post ta' supervisor, jigifieri li kien grad anqas minni. Dan kien certu Carmelo Borg. Kien jahdem fl-istess dipartiment izda fid-distrett tal-Mosta…Dan Carmelo Borg meta applika ghal post kien ga ghalaq 61 sena. Pero huwa kien inghata extension. Huwa ghalaq il-61 sena fl-1 ta' Novembru 1989. L-applikazzjoni harget f'Jannar ta' l-1990 u allura, l-extension ga bdiet tahdem. Mill-1 ta' Novembru 1989, huwa inghata zewg extensions ta' 6 xhur kull wiehed u dam sena f'din il-kariga. Wara dan, huwa inghata extension ohra ta' 3 xhur biss. Huwa lahaq f'dil-kariga fit-8 ta' Mejju 1990. Hu rtira fit-31 January, 1991…Dan il-post ta' work technical officer kien inholoq, jigifieri ma kienx xi vakanza, ma kienx qed jirriplejsja lil xi hadd iehor u huwa baqa jahdem fid-distrett tal-Mosta fejn kien jahdem qabel. Wara li rtira Carmelo Borg, il-post baqa' ma mtela minn hadd iehor. Jiena bqajt ma nghatajtx il-promozzjoni u ghadni sal-gurnata ta' llum bhala charge hand…Jiena kont kwalifikat f-electrical engineering; ix-xoghol tieghi kien ukoll ta' upgrading ta'

public convenience;  kont nahdem ukoll fi plumbing u f'electrical; kont fit-tipping site u kont in charge ta' dawn l-affarijiet kollha…"

Gie ezibit affidavit ta' Salvu Lautier Direttur Rizorsi Umani, Dipartiment tas-Sahha fejn semma li s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghal mili ta' Works Technical Officer, fid-Dipartiment tas-Sahha kienet harget fit-23 ta' Jannar, 1990 u ipprocessata mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.  Ir-rizultat inhareg fis-7 ta' Mejju 1990 u validu ghal sena sas-7 ta' Mejju 1991.  Is-Sur Carmelo Borg kien gie l-ewwel u avolja kien ghalaq il-61 sena fl-1 ta' Novembru 1989 kien inghata estensjoni biex jibqa' fis-servizz pubbliku sal-31 ta' Jannar 1991.  Din l-estensjoni inghatat mill-Ufficju tal-Prim Ministru fuq talba tad-Dipartiment tas-Sahha.  Fil-5 ta' Mejju 1990 ir-Refuse Disposal Centre inqata' ufficjalment mid-Dipartiment tas-Sahha u beda jaqa' taht id-Dipartiment ta' l-Ambjent.  Madankollu ix-xoghol amministrattiv baqa' jsir temporanjament mid-Dipartiment tas-Sahha sal-31 ta' Dicembru 1990.  Ghalhekk meta rtira is-Sur Borg fil-31 ta' Jannar 1991, l-RDC ma kienx parti mid-Dipartiment tas-Sahha li ma kienx ghad kellu l-obbliku li jimla l-post ta' Works Technical Officer fl-RDC.

In kontro-ezami Salvu Lautier xehed li s-Sur Borg kellu jirtira fl-1 ta' Novembru 1989. Il-promozzjoni hada fis-7 ta' Mejju 1990 u s-Sur Borg baqa' hemmhekk sal-31 ta' Jannar 1991. Jigifieri rtira 8 xhur wara. Ir-rizultat ta' l-interview kien ghadu in vigore sas-7 ta' Mejju 1991. Zied: "Mistoqsi nghidx sew li s-Sur Cachia kien ghadu 'within the time' biex jiehu l-promozzjoni nghid li iva. Il-procedura f'kazijiet simili hija li d-Dipartiment jaghmel rakkomandazzjoni

biex jintela l-post minn min kien imissu. Mistoqsi f'dan il-kaz kinitx saret rakkomandazzjoni fir-rigward tas-sur Cachia, nghid li le permezz li d-Dipartiment ta' l-Ambjent spicca minn maghna mad-Dipartiment tas-Sahha u mar mad-Dipartiment tal-Works. Mistoqsi allura f'dan il-kaz xi tkun il-procedura jiena nghid ma nistax nghid peress li mbaghad spicca minn maghna u dwar d-Dipartiment ta' l-Ambjent ma nistax nghid."

Ronald Gullaimier li kien Kap tas-Segretarju ta' l-Ambjent bejn 1990 u l-1992 xehed li r-rikorrent kien fis-section ta' l-Indafa Pubblika. Kien il-Head tas-Sur Cachia. Ma kienx hemm kummenti kontra s-Sur Cachia. Xehed: "Jiena nghid li peress li qabel id-Dipartiment ta' l-Ambjent kien jaqa' taht id-Dipartiment tas-Sahha u fl-1 ta' Jannar 1991 ma baqax jaqa' taht id-Dipartiment tas-Sahha izda beda jaqa' taht il-Ministeru ta' l-Ambjent nghid li kellna problemi ta' Amministrazzjoni sakemm grat din il-bidla. Dwar il-kwistjoni tas-Sur Cachia nghid li kien sar interview u s-Sur Cachia kien gie klassifikat it-tieni post. Dak li gie kklassifikat l-ewwel post kien talab ghal estensjoni u kien inghata l-ewwel estensjoni ta' sitt xhur u mbaghad kien inghata estenzjoni ohra ghal sitt xhur ohra, jigifieri ghal sena shiha. Wara din is-sena regghet intalbet estensjoni ohra ghal dak li gie fl-ewwel post ghal sena ohra, izda mill-establishments din ma nghatatx, nghatat biss estensjoni ghal tlett xhur.

Wara dawn it-tlett xhur fil-frattemp kienet saret bidla fid-Dipartiment. Ma bqajniex naqghu taht id-Dipartiement tas-Sahha u bdejna naqghu taht il-Ministeru ta' l-Ambjent. Nghid li f'dan iz-

zmien li kien f'Jannar ta' l-1991 kien ghad baqa li r-rizultat fejn s-Sur Cachia kien kklassifikat it-tieni post kien ghad baqghalu tlett xhur validita. Ghalhekk ahna ridna li s-Sur Cachia jigi f'dan il-grad ta' Works Technical Officer anki ghax kien hemm bzonnu, konna ktibna biex jinghata dan il-grad. Qatt ma nghatajna risposti jew raguni ghall-queries li ghamilna ahna. Minkejja r-reminders li konna ghamilna biex jigi appuntat s-Sur Cachia. Li nista nghid li fl-idea tieghi kien necessarju li isir dan il-grad li jigi appuntat f'dan il-grad ta' Works Technical Officer u ridna li s-Sur Cachia jsir. Ma kien hemm l-ebda raguni jew argumenti kontra li s-Sur Cachia jigi appuntat fil-grad ta' Works Technical Officer."

Tony Micallef li ghal certu zmien kien Acting Head tas-section li kienet tissejjah RDC, refuse disposal centre, xehed li fit-23 ta' Jannar 1990, hargu applikazzjonijiet u Nicholas Cachia kien applika u huwa ma nghatax dan il-grad ingustament. Qal "Nghid dan minhabba l-fatt li dak li kien ha dan il-grad kien diga ghalaq il-61 sena fl-1 ta' Novembru 1989. It-tieni raguni ghalfejn nghid li Nicholas Cachia ma nghatax dan il-grad ingustament minhabba l-fatt li Cachia Nicholas kien senior ta' dan li kien nghata l-grad ta' Works Technical Officer. Nghid li Nicholas Cachia kien senior fil-grad u mhux fl-eta'. Nghid ukoll li biex gie agevolat ta' qablu bata l-konsegwenzi Nicholas Cachia. Carmelo Borg li kien ha l-grad ta' Works Technical Officer rtira fil-31 ta' Jannar 1991. Nghid li jiena kont ghidt lis-Sur Cachia biex fil-fatt japplika ghax kien jisthoqqlu jiehu dan il-grad. Anki minhabba l-fatt li kien hemm bzonn dan il-grad. Fil-fatt kont ghintu jiddrafta l-ittra stess. Fl-opinjoni tieghi

nghid li ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn ma kellux isir Nicholas Cachia f'dan il-grad."

**KONKLUZZJONIJIET:**

Dwar l-eccezzjoni tal-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni u tal-Ministru ta' l-Ambjent hi li m'humiex il-legittimi kontradditturi ghall-ilment li jirrigwarda l-amministrazzjoni ta' kuljum tas-sezzjoni ta' l-Indafa Pubblika, it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza tieghu tad-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fejn qal:

"Illi r-rikors odjern huwa dirett kontra d-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici. Ikkunsidra li certament id-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici ma hux il-legittimu kontradittur. Infatti l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 jiddisponi li "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Ghalhekk certament il-kawza missa giet istitwita biss kontra d-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici. Jekk id-Direttur mhux parti fil-kawza kif jista' jkun hemm sentenza fil-konfront tieghu! [ara wkoll Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta' Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn."

Ghall-istess motivi l-ilment tar-rikorrent ma setghax jigi indirizzat kontra l-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni u tal-Ministru ta' l-Ambjent ghax ghall-ilment li jirrigwarda l-amministrazzjoni ta' kuljum tas-sezzjoni ta' l-Indafa Pubblika m'humiex il-legittimi kontraditturi u ghall-istess motivi jilqa' l-eccezzjoni taghhom u jilliberhom.

Illi l-ilment tar-rikorrent fil-verita' jikkonsisti fuq zewg ilmenti"

- L-ilment li wara li spicca Borg u r-rizultat kien ghadu validu, ma inghatax il-promozzjoni;
- L-ilment li hu ma hax il-promozzjoni meta hargu l-applikazzjonijiet u hadha Carmelo Borg minfloku.

Dwar l-aspett li meta r-rizultat kien ghadu validu jinghad li wara s-sejha ghall-promozzjoni ghal Works Technical Officer, saru l-applikazzjonijiet u l-interviews u fl-ewwel posizzjoni tpogga Carmelo Borg u r-rikorrent fit-tieni posizzjoni. Is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghal mili ta' Works Technical Officer, fid-Dipartiment tas-Sahha kienet harget fit-23 ta' Jannar, 1990 u ipprocessata mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Ir-rizultat inhareg fis-7 ta' Mejju 1990 u validu ghal sena sas-7 ta' Mejju 1991. Is-sur Borg irtira fil-31 ta' Jannar, 1991. Ir-rizultat ta' l-interview kien ghadu in vigore sas-7 ta' Mejju 1991. Ir-rikorrent kien ghadu 'within the time' biex jiehu l-promozzjoni. Il-procedura f'kazijiet simili hija li d-Dipartiment jaghmel rakkomandazzjoni biex jintela l-post minn min kien imissu.

Fil-5 ta' Mejju 1990 ir-Refuse Disposal Centre inqata' ufficjalment mid-Dipartiment tas-Sahha u beda jaqa' taht id-Dipartiment ta' l-Ambjent. Madankollu ix-xoghol amministrattiv baqa' jsir temporanjament mid-Dipartiment tas-Sahha sal-31 ta' Dicembru 1990. Ghalhekk meta rtira is-Sur Borg fil-31 ta' Jannar 1991, l-RDC ma kienx parti mid-Dipartiment tas-Sahha li ma kienx ghad kellu l-obbligu li jimla l-post ta' Works Technical Officer fl-RDC. Ghalhekk kien jinkombi fuq id-Dipartiment tal-Ambjent biex jiehu hsieb dawn il-proceduri. Dan id-Dipartiment kiteb biex ir-rikorrent jinghata dan il-grad. Qatt ma nghtaw risposti jew raguni ghall-queries li ghamlu minkejja r-reminders biex jigi appuntat s-Sur Cachia.

Minn dan johrog car li r-rikorrent sofra ingustizzja meta ma inghatax il-kariga wara li spicca Carmelo Borg. Izda proceduralment it-talba tar-rikorrent suppost saret kontra id-Direttur ghall-Harsien tal-Ambjent, ghax fid-data in kwistjoni ma kienx ghadu aktar id-Dipartiment tas-Sahha li kien responsabbli. Izda l-ilment tar-rikorrent ma giex intavolat kontra d-Direttur ghall-Harsien tal-Ambjent ghalkemm dan gie rilevat fil-bidu tal-kawza a fol 5 tal-process fis-16 ta' Settembru, 1997. L-ilment lanqas ma gie dirett kontra min ma hax passi fuq it-talba tal-istess Dipartiment. Dan iwassal li ghalkemm ir-rikorrent kellu ragun fuq l-ilment dan ma jistax jiehdu ghax l-ilment mhux indirizzat kontra l-legittimu kontradittur. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur ghall-Harsien tal-Ambjent u dik tat-Tabib Principali tal-Gvern.

Jibqa' li wiehed jara jekk l-ilment tar-rikorrent li saret ingustizzja meta hu ma hax il-promozzjoni meta hargu l-applikazzjonijiet u hadha Carmelo Borg minfloku.

Ir-rikorrent bejn l-1987 u l-1990 kien jahdem l-RDC il-Marsa u dak iz-zmien kien id-Department of Health. Hu kien charge hand - grad ghola minn supervisor. Min lahaq f'dak il-post Carmelo Borg kellu l-post ta' supervisor, jigifieri li kien grad anqas mir-rikorrent. Dan Carmelo Borg meta applika ghal post kien ga ghalaq 61 sena. Pero' huwa kien inghata extension. Huwa ghalaq il-61 sena fl-1 ta' Novembru 1989. L-applikazzjoni harget f'Jannar ta' l-1990. Dan il-post ta' work technical officer kien inholoq, jigifieri ma kienx xi vakanza, ma kienx qed jirriplejsja lil xi hadd iehor u huwa baqa jahdem fid-distrett tal-Mosta fejn kien jahdem qabel.

Ronald Gullaimier li kien Kap tas-Segretarju ta' l-Ambjent bejn 1990 u l-1992 xehed li ma kienx hemm kummenti kontra s-Sur Cachia u kien hass li r-rikorrent kellu jsir. Infatti qal: "Ma kien hemm l-ebda raguni jew argumenti kontra li s-Sur Cachia jigi appuntat fil-grad ta' Works Technical Officer." Tony Micallef li kien Acting Head tas-section li kienet tissejjah RDC, hass li r-rikorrent ma inghatax dan il-grad ingustament, u dan specjalment minhabba l-fatt li dak li kien ha dan il-grad kien diga ghalaq il-61 sena fl-1 ta' Novembru 1989 u li r-rikorrent kien senior ta' dan li kien nghata l-grad ta' Works Technical Officer. Kien hass li r-rikorrent jithoqqlu dan il-grad. Fl-opinjoni tieghu ma kien hemm l-ebda raguni ghalfejn ma kellux isir Nicholas Cachia f'dan il-grad.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

It-Tribunal ihoss li r-rikorrent ma hax il-grad ta' Works Technical Officer fis-7 ta' Mejju, 1991 ingustament. Gie maqbuz minn persuna li addirittura kienet grad tahtu u kulhadd fahhar ix-xoghol tar-rikorrent. Ukoll l-fatt li min sar kien gja qabez il-61 sena u kien fuq extension ikompli jaghmel is-sitwazzjoni mhux wahda felici.

Jichad l-eccezzjoni tal-intimat Tabib Principali tal-Gvern peress li fiz-zmien tal-hatra hu kien il-persuna responsabbli; jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Works Technical Officer b'effett mit-8 ta' Mejju, 1990 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra t-Tabib Principali tal-Gvern, hlief dawk tal-eccezzjonijiet l-ohra li huma a karigu tar-rikorrent.